

# L-oqbra Feniċi f'Birżebbuġa

*Amanda Bonnici B.A. Hons. History*

Il-pożizzjoni ġeografika tal-gżejjer Maltin flimkien ma' l-istorja tal-kultura ta' dan l-arcipelagu mit-tielet millenju Q.K. 'l quddiem, huma żewġ fatturi importanti biex nifhmu l-irwol ta' Malta f'dan l-perjodu Feniċu.

Minhabba nuqqas ta' riżorsi naturali u l-ftit art addattata biex tkun kultivata, l-ekonomija kellha issib sisien tagħha minn rotot ġodda fil-Mediterran. Mill-aħħar parti ta' żmien tal-Bronz 'l quddiem nsibu evidenza ta' diversi relazzjonijiet ma' portijiet oħra viċin speċjalment man-naħa ta' isfel ta' l-Italja. Barra minhekk xi baħħara min dawk ir-reġjuni kieni joqgħodu fl-inħawi tal-Baħrija. Dawn l-attivitajiet kienu jinkludu kemm kummerċ kif ukoll piraterija.

Meta l-Fenici kkolonizzaw l-gżejjer Maltin, għall-ħabta tat-tmien seklu Q.K., marru joqgħodu u tħalltu ma' nies tal-post. Evidenza ta' dan huwa l-bini tagħhom li kien spiss jiġi mtella' viċin jew minflok il-fdalijiet ta' qabel dak ta' żmien il-Bronz. Kif ukoll il-*'Mycenean Pottery'* li nstab f'Malta flimkien ma' *'Red Slip Pottery'* li nstab biswit fdalijiet ta' fuħħar lokali. Dan kollu jixhed possibilità ta' koabitazzjoni bejn żewġ gruppi, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Il-geografu Ptolemus fil-kitbiet tiegħu jsemmi żewġt ibliet f'Malta relatati mal-Feniċi u l-maġġoranza ta' evidenza arkeoloġika tixhed dan. L-ewwel waħda kienet l-għolja naturali isolata mill-baħar, tajba għad-difiża, magħrufa bħala Medina (Mdina) u l-inħawi tar-Rabat, filwaqt li t-tieni kienet il-port fi xlokk tal-gzejjer Maltin. Madwar il-bajja ta' Marsaxlokk u l-inħawi viċin. Xhieda ta' dan kien santwarju ta' Astarte li nstab f'Tas-Silġ. Dan is-santwarju kien ġie mibni lejn l-aħħar snin ta' l-epoka ta' żmien il-Ħaġar, imma tkompla matul l-perjodu Feniċu.

L-għaqda ta' bejn żewg gruppi hija konfermata wkoll bil-fdalijiet reliġjużi li ħallew dawn in-nies. Riti tal-Feniċi wisq probabbli tħalltu mal-kultura u tradizzjonijiet ta' nies lokali. Tfittxija arkeoloġika sa' issa sabet sitt mija tmienja u sittin oqbra puniċi, sitt mija u disa' u erbgħin minnhom f'Malta u tmintax f'Għawdex filwaqt li waħda biss f' Kemmuna. Fost l-oqbra li nstabu tnejn minnhom ġew mikxufa Bengħisa. Fihom instab li kienu setgħu jżommu sa sitt iġsma midfuna, iżda ma nstab l-ebda tip ta' qabar ta 'kremazjoni ġo Bengħisa[1] . Minn naħa l-oħra f'Ħal Far nstabu sitt toqob ta' kremazzjoni u oqbra oħrajn jesgħu sa' għoxrin iġsma kif ukoll tnejn oħra li l-oriġini tagħhom mhux magħruf, b'kollox tnax il-qabar.

Il-Puniċi u l-Feniċi kellhom żewġ metodi kif jidfnu l-mejtin tagħhom. L-aktar metodu komuni kien li jħallu l-ġisem mejjet b'mod orizzontali f'nofs il-qabar, ġieli wkoll kien jiġi mqiegħed ġo tebut ta' l-injam jew sarkofagu tat-terracotta. Metodu ieħor kien permezz ta' kremazzjoni, wara l-fdalijiet kienu jiġu mqiegħda ġo urna tat-terracotta. L-ibbalzmar ta' l-iġsma kien jsir biss lir-rejiet u prinċpijiet u ġewwa Cartaġni biss mhux barra fil- kolonji[2].



*Distribuzzjoni ta' oqbra Punici madwar Malta u Għawdex*

l-oqbra puniċi kienu jikkonsistu f'fetħa li twassal għal diversi oqbra oħra kollha miġburin qrib xulxin, fil-fatt l-oqbra li nstabu kienu jikonsistu f'żewġ, jew tlitt ikmamar flimkien. Għal dawk li kienu jiġu kremati, l-urna kienet titpoġġa ġo toqba fl-oqbra, li kienet tkun jew fil-ħajt jew anke mħaffra ġo l-art[3].

Il-Fenici kienu jemmnu li meta persuna tħalli din id-dinja kienet tagħmel vjaġġ twil permezz tal-baħar sakemm tasal fid-dinja tal-ħajja ta' wara. Dan kollu kien konfermat mis-sejbiet fl-oqbra ta' amfora, platti, lampi u ġarar[4].

1 Zammit. George. A. Said. 'The Punic Tombs of the Maltese islands', proceedings of the history of the week, (1993), 67, 80.
2 Ibid.
3 Ibid.
4 Ibid.